# Monsinjur Salv Grima 1909 - 1990
# 25 sena minn mewtu



*Dun Anġ Seychell*

Fiż-Żejtun kien magħruf bħala Dun Salv tal-Qutu. Kif għadhom magħrufin bil-laqam diversi qassisin fiż-Żejtun.

Kif jiena magħruf bħala Dun Anġ ta' Buttuna!

Kien wieħed minn sensiela ta' qassisin imħeġġa fiż-Żejtun:

Dun Ġwann Tabone tal-Għaġin,

Dun Lawrenz Degabriele, Dun Spir, li fetaħ id-Domus,

Dun Ġom, kunjomu bħali, Dun Kons u diversi oħrajn.

F'żgħożitu kien jaħdem fit-Tarzna. Ħuh Ġużeppi kien għal qassis, imma korra u floku tħajjar Salvinu li mar jistudja f'Ruma, fl-Università Gregorjana u kien joqgħod fil-Kulleġġ Skoċċiż. Kien ordnat qassis fit-23 ta' Diċembru 1933 u ma damx ma daħal jgħallem il-Filosofija fl-Università ta' Malta.



Imma Alla kellu pjan ieħor għal Dun Salv. Dal-pjan beda jfeġġ kif faqqgħet il-gwerra tal-1933. Bdew l-attakki mill-ajru mill-Italja u bdew ġejjin ir-refuġjati minn Bormla u l-Kottonera. Fiż-Żejtun ingħataw kenn fil-knejjes u fil-każini. Fost ir-refuġjati li stkennew fil-każin tal-Beland kien hemm waħda tal-MUSEUM, Konċetta Galea. Sema' biha Dun Salv u lilha u lil qrabatha tahom kenn f'post żgħir fil-pjazza. Dun Salv sar jaf bl-ispiritwalità ta' dis-soċja, anzi superjura, u beda jżurha u jħossu mħeġġeġ fil-pariri tagħha. Darba qaltlu biex jirriżenja mill-katedra fl-Università u jiddedika ħajtu għall-qdusija tal-kleru. U Dun Salv sema' minnha.

Darb'oħra webblitu b'idea oħra fil-qasam tal-kleru. Qaltlu li hemm bżonn issir xi ħaġa għal dawk il-qassisin li jixjieħu u jisfgħu weħidhom. Qaltlu biex jaħdem ħalli dawn il-qassisin isibu kenn u kura f'dar li tkun apposta għalihom. U Dun Salv reġa' sema' minnha. Ħuh, Ġolin jew Anġlu, kien kuntrattur u Dun Salv ħajru jgħinu biex jibni dar għall-kleru. U Ġolin ikkopera u llum il-kleru Malti għandu d-dar tiegħu miftuħa għall-qassisin u patrijiet fi Fleur-de-Lys. U hekk seħħ il-pjan t'Alla għal Dun Salv permezz tas-Superjura moħbija fil-Pjazza taż-Żejtun.

Sa minn kmieni, fil-ministeru tiegħu, Dun Salv wera mħabba kbira lejn Ġesù Ewkaristija u xerred din l-imħabba l-ewwel fost iż-Żwieten u wara ma' Malta kollha. Fiż-Żejtun, fi żmien il-gwerra, fil-kappella tal-knisja tal-Ispirtu Santu li tagħmel mal-kunvent tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù, waqqaf l-ewwel Adorazzjoni kontinwa ta' Ġesù Ewkaristija, li baqgħet sejra sal-ġurnata tal-lum. Illum il-ħsibijiet tiegħu dwar l-Ewkaristija jinsabu miġbura fi ktieb imsejjaħ VLEĠEĠ.

Fiż-Żejtun Dun Salv kien għalliem kbir, bi kliemu u bix-xbieha ta' ħajtu. Kien jgħaxxaq lil kulħadd bl-omelija tal-quddiesa tat-tmienja nhar ta' Ħadd, bil-qrar u bl-għoti ta' karità lill-foqra u bit-tqarbin tal-morda misjuq mix-xufier tiegħu Grezzju. Ngħid għalija, jien kont naħlef bih. Tgħidx kemm għinni fil-ħajja spiritwali u fil-vokazzjoni saċerdotali tiegħi. Għal ħafna snin kien il-konfessur u direttur spiritwali tiegħi. Nibqa' ngħożż b'liema ottimiżmu kien jinkoraġġini fil-ħajja u fil-ministeru tiegħi. Meta sirt qassis u għamilt l-ewwel quddiesa solenni, lilu għamiltu wieħed miż-żewġ parrinijiet tiegħi għax ridtu jkun qrib tiegħi!

Tkun imbierka t-tifkira tiegħu! Monsinjur Grima miet fis-27 ta' Jannar 1990. Għalija Monsinjur Grima jinsab fil-lista ta' qaddisin Maltin li għexu fis-seklu għoxrin! Sa ntemm il-kitba b'waħda mit-talbiet tiegħu:

*Sinjur, nitolbok timlini bl-imħabba tiegħek*
*biex nirbaħ kull tfixkil;*
*bil-mogħdrija biex naħfer u nagħder lil kulħadd;*
*bil-kuraġġ, biex inħaddan kull sagrifiċċju;*
*bil-fidi shiħa, biex nemmen iżjed fl-imħabba tiegħek għalija;*
*bis-sinċerità, biex is-servizz tiegħi ta' kuljum ikun jogħġbok;*
*bid-dehen, biex nistmerr il-ħwejjeġ tad-dinja*
*u nfittex il-ħwejjeġ tas-sema;*
*bil-qawwa spiritwali, biex nerfa' s-salib tiegħi ta' kuljum.*
*Ammen*